# "STATU QUO"

## Il-Kwistjoni Tiegħu Fil-Palestina

(*Jaqbad mal-għadd ta' qabel, faċċ.* 98)

*C. Is-Sisien Ġuridki tal-Kwistjoni.*

Mill-ġrajjiet storki, li aħna ġa' fakkarna fil-għadd ta' qabel, faċċ. 98, bħal ma huma, x-xiżma u l-firda tal-Knisja tax-Xerq mil-Knisja Latina, l-ħeġġa li uriet u li wettqet tassew l-Ewropa biex tgħin u tagħmel li jinżammu l-ġieħ u l-qima fl'Imkejjen Imqaddsa u fl-aħħarnett, il-ħidma iebsa u l-kbar sagrifiċċji li wettqu s-Salibijin (il-Kruċjati) biex jinvdew u jibqgħu jinżammu miftuħin is-Santwarji Mqaddsa għal qima taż-żawwara nsara tad-din'a minn dawn jimbtu minn qaddishom il-jeddij'et tal-Latini fuq l-Imkejjen Imqaddsa tal-fidwa tagħna. Minn hawn, iva, biex ngħid hekk, ġejjha dik il-ġibda ġewwenija, dik ir-rabta ruħija tal-Latini mas-Santwarji tal-Palestina, li biż-żmien inbidlet f'jedd, li bih il-Latini wirtu s-setgħa fuq is-Santwar'i ta' l-Art Imqaddsa tal-Fidwa tagħna.

Għal kemm il-Kleru Bizantin fittex u jfittex dejjem iħaqqagħqa mal-Lat'ni fuq jeddi'iethom fis-Santwarji Mqaddsa, dan ma jista' jiftaħar b'xejn, u ma jista' juri tassew xe'n, l-anqas bl-iċken ħaġa, minn dak, li ma tul iż-żmienijiet, wettqu l-Kattolċi ta' l-Ewropa fil-Palestina. Il-kisba u l-fidwa tas-Santwarji, t-tiswijiet, it-tlugħ u l-bini mill-ġdid ta' għadd kbir ta' Knejjes u ta' Bażilki, it-tqassim tal-Kleru Latin, flimkien ma nfieq ta' flejjes bla qies, u ta' sagrifiċċji, u ta' tbatijiet u ta' mewt, dawn kollha saru mill-Latini, b'ġieh tal-ġnus insara ta' l-Ewropa.

U la taħsbux li, bil-waqa' tas-Saltna Latina ta' Ġerusalemm (1187), jew bit-temmha tal-ħakma tas-Salibijin fil-Palestina (1292), l-idijal tal-ħidma tal-Kattolki Latini għal ġieħ tas-Santwarji, jewwilla, ġie mitluq, jew imwarrab bħala ħaġa ta' ebda tama. Mirbuħin il-ġlejjeb Salibi'in minn qawwiet ħafna akbar ta' Misilmin u mġagħlin jitilqu mill-Palestina, mal-Bandiera tal-Ħames Slaleb Ħomor fuq fond abjad, għelm tal-ħakma tagħhom lill-Fqajjar t'Assisi, l-Patrijarka San Franġisk. Dan, flimkien ma l-Irħieb uliedu, fqajjar u umli, mngħeżża minn kull għana u mingħajr ebda armi, kellu jwettaq ma tul is-sekli dak l-idijal li għalih ma waslux il-ġlejjeb Salibijin, għanjin u armati sa snienhom.

Ma kienx ilu żmien twil li Franġisku t'Assisi kien waqqaf l-Ordni tiegħu tal-Minuri Franġiskani, hekk li fis-sena 1217, kien diġa' bagħad lill-Irħieb uliedu fix-Xerq, fejn waqqaf il-Provinċja tas-Sirja, bil-ħsieb li jkun jista' igħin lill-ġlejjeb Salibijin fl-ħwejjeġ tar-ruħ u jiftaħ u jħejji t-triq għax-xandir tal-Fidi Nisranija qalb il-Misilmin. Sentejn wara mbagħad, fl'1219, huwa nnifsu, Franġisku t'Assisi, mill-Marsa ta' Ancona baħħar għal San Ġwann t'Akri, u minn hawn terraq għall-Eġittu, fil-

belt ta' Damjata, fejn ra b'għajnejh it-telfa u l-qerda tal-ġlejjeb tas-sitt Kruċjata mill-ħila u l-qawwa tal-ġlejjeb misilmin taħt l-għamar tas-Sultan Melek-el-Kamel.

San Franġisk, f'dan ix-xogħol-kien donnu mmexxi mis-Sema. Wara l-qerda tas-sitt Kruċjata, Franġisku, bi kbir tiġrib ta' ħajtu, daħal fil-ħara ta' l-għedewwa rebbieħa, dlonk ġie maqbud, marbut, imsawwat u meħud quddiem is-sultan Melek-el-Kamel. U dak is-sultan imagħġġeb mid-dehra fqajra u umli ta' Franġisku, u msaħ-ħar minn kliemu kollu mħabba t'Alla u ta' għajru mhux biss ma ħaqrux, imma, kif magħruf mill-istorja, ħab-bu, nġibed lejh u taħ dak li talbu jiġifieri, li jista' jxandar it-tagħlim tal-fidi u li jista' jmur iżur is-Sant-warji Nsara f'Ġerusalem, mingħajr ħlas ta' ebda ħaraġ. Hu magħruf mill-istorja, li hu, mogħni "b'salva-kondot" b'isem is-Sultan, żar il-Qabar ta' Kristu, u s-Santwarji l-oħra u fuq l-Għolja tas-Sijon, bil-Patrijiet li hemm ħalla, xeħet is-sisien tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa li, għal ma tul t'aktar min seba' mitt sena, hekk warrdet u seħħet, li barra mill-ħarsien tas-Santwrji u t-tixrid tal-Vanġelju fost ix-Xismatċi u l-Misilmin, ħolqot hekk kbar opri ta' karita', saret l-aqwa ġieħ tal-Knis-ja Kattolka u qalgħet l-aqwa tifħir mil-Papiet u mid-dinja Kattolka.

Għalhekk, l-Irħieb Franġiskani Minuri, mat-telqa' tal-Kruċjati u mal-ħakma l-ġdida tal-Misilmin, b'qalbhom imħeġġa għall-wirt għażiż li ħallielhom Missierhom, dlonk re-ġgħu marru u ħadu f'idejhom dawk l-Imkejjen Imqaddsa, bħala ħaġa tagħhom, u minn hemm, imħeġġin b'żelu Missjunarju, fettċew jgħinu lill-Insara li hemm kienu baqgħu, kisbu, żammew u ħarsu fil-ġieħ u fil-qima is-Santwarji, mitluqin minn kull kleru, u kemm setgħu ukoll għamlu ġid fil-ġisem lill-istess Misil-min, għalkemm għedewwa tagħhom. M'għandniex xi ngħidu, fit-twettiq ta' din il-ħidma nisranija, l-Irħieb Franġiskani, imtarrfin, kif kienu, qalb l-għedewwa ta' kull ġens, Lhud, Musulmani u Xismatċi, kellhom iġar-rbu mhux ftit mibgħedha, tbatijiet, niket u martirji b'mewt kiefra u ħar-xa; imma Alla dejjem kien magħhom u San Franġisk mis-Sema dejjem ħarishom, u għamel li l-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa taqdi dejjem dmiri-jietha għal glorja t'Alla, għal ġieħ tal-Knisja u għal ġid ta' kullħadd.

Għal ħruġ is-seklu XIII u għal bidu tas-seklu XIV, xi Slaten tal-Ewropa ma naqsux li jitolbu lis-Sla-ten Mamelukki, sabiex dawn iniedu għamar lin-nies tal-ħakma tagħhom sabiex l-irħieb Franġiskani jkunu jistgħu jgħixu bla tfixkil fis-Sant-warji. Ir-Repubblika ta' Venezja, is-sultan Ġakbu t'Aragona u s-sultan Karlu IV ta' Franza, kitbu u bagħtu l-Ambaxxaturi fil-Masri (il-Kajr) biex jagħmlu ftehim fuq din il-ħaġa, hekk, li is-Sultan EL-MOZAFFAR BIBARS II, fl-1309, għamar b'kitba (firman) li fuq il-Għolja ta' Sijon (ħdejn iċ-Ċenaklu), fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem ma jkunx hemm Irħieb oħra, *ħlief dawk tal-Ħabel*, li diġa' hemm joqgħod. (Glubovic, Serie de Superiori di T.S., paġ. 128).

Fl-aħħarnett, is-Slaten ta' Napli, Robertu u Sanċja, wara ħafna tfixkil u taħbid, fl-1333, b'somma qawwija ta' flus għamlu *ftehim sħieħ u għal dejjem siewi*", mas-sultan Melek-el-Naser Moħammed, li bieħ dan is-sul-tan għaraf u ta lill-Irħieb Franġis-kani l-*jedd sħieħ li jagħmmru, jin-qdew u jżommu* u jiffunzjonaw fis-

Santwarji ta' Ġerusalemm (Glubov. Biblioteca, t. IV).



*Reġina Sancia ta' Sqallija*

Il-Papa Klement IV, mbagħad, b'ferħ kbir ta' qalbu, fit-22 ta' Nov., 1342, biż-żewġ Bolli "Gratias agimus" u "Nuper carissime" minn Avinjoni, għarraf lid-dinja l-ftehim fuq imsemmi u wettaq b'sedqa lill-Irħieb Franġiskani bħala "Kustodji uffiċċjali" tal-Imkejjen Imqaddsa f'isem id-dinja kattolika. Għalhekk, is-Santwarji Nsara tal-Palestina, għalkemm baqgħu f'art musulmana, bix-xiri li sar minn Robertu u Sanċja ta' Sqallija, għaddew bħala proprieta' u użu tal-Knisja ta' Ruma u tal-Kattoliki tal-Għarb (Oċċidentt) li dawn huma mbagħad, għandhom b'delegati tagħhom fil-pajjiżi tax-Xerq, il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

*D. Ix-Xhieda tat-Tradizzjoni ma' tul is-Sekli.*

Il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa daħlet u twaqqfet fil-Palestina bil-jedd ta' werrieta tal-Kruċjati u ta' dak kollu li huma kienu għamlu għal fidwa u l-bini mill-ġdid tas-Santwarji Nsara. U dan jista' bil-ħeffa kollha jintwera' minn Xhieda, li raw b'għajnejhom u jistqarru li għal ma tul iż-żmien minn seba' sekli, l-qagħda ta' l-Irħieb Franġiskani fis-Santwarji tal-Palestina, ukoll fl-għar żmienijiet ta' tfixkil u ta' tixrid ta' demm. Iż-Żawwara Insara li, l-hemm min-nofs is-seklu XIV żaru l-Palestina, jixdhu li qishu kullimkien sabu l-Franġiskani, l-iżjed f'Ġerusalemm u fl-inħawi tagħha. U mhux biss li sabu lilhom, lill-Franġiskani, imma ukoll li kellhom il-proprjeta' u l-użu assolut tas-Santwarji, u li fihom kienu jiffunzjonaw, mingħajr ebda tfixkil u mingħajr ebda għejra min-naħa ta' ħadd.

U tassew, kien tagħhom, u kollu f'idejhom is-Sagru Ċenaklu fuq Għolja ta' Sijon, il-Qabar ta' Kristu u l-Kalvarju f'Ġerusalemm, il-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat u l-Presepju tal-Bambin Ġesù f'Betlehem; u f'dawn is-Santwarji, l-Franġiskani, bla ebda tfixkil, kienu jagħmlu l-funzjonijiet, u kienu jilqgħu ż-Żawwara, li kienu jiġu minn kull naħa tad-dinja. Tarġa', l-bini kollu tas-Santwarji, t-tiswijiet u dak li kien jinħtieġ għażżamma tagħhom kien isir mill-Irħieb, meta' u kif kienu jridu huma, bħalma saru dawk tal-Bażilka ta' Betlehem, tal-Qabar ta' Kristu, u kif ukoll fi knejjes oħra. Dan jixduh ukoll qabda ta' kittieba, ta' slaten u ta' gvernaturi wkoll, li għad għandna miżmumin fl-Arkivju tal-Kustodja f'Ġerusalemm.

Immela, għal tliet mitt sena sħaħ, mis-seklu XIII sas-seklu XVI, ħatt ma' laqlaq, jew ċaħad fuq il-proprieta' tal-Franġiskani fuq is-santwarji, ebda ħatt ma qabes jew wera' għal-anqas xi jedd fuqhom mal-Franġiskani. Anzi, sew l-autoritajiet musulmani, sew il-kommunitajiet reliġjużi tax-Xerq dejjem għarfu l-jedd sħieħ li għandhom jew kellhom l-Irħieb tal-Għarab (Oċċident).

U biex nagħtu aktar dawl fuq din il-ħaġa, għandna nġibu quddiem għajnejna, li f-dawk it-tliet sekli fil-Palestina, f-Ġerusalem u f-Betlem, kien hemm il-Kleru Xerqi, li fkien jgħix fi ħbiberija mal-Franġiskani. Kien hemm hemmekk il-Griegi, l-Ġorġjani, l-Armeni, l-Maroniti, l-Ġakobiti, s-Sirjani, l-Abbissini, l-Kopti u n-Nestoranji fil-Kunventi tagħhom, dawn kollha bil-qalb kienu jieħdu sehem fil-funzjonijiet magħmulin mil-Franġiskani, u bil-permess ta' dawn imbagħad, kienu jagħmlu tagħhom.

M'għandnix xi ngħidu, f'dan it-tul ta' żmien, xi ftit tal-għelt inqala' bejn il-Franġiskani u l-Qassisin tax-Xerq. L-akbar kwistjonijiet kienu nqalgħu mal-Ġorġjani, mal-Griegi u mal-Koptin. Ġara' hekk:- Darba waħda, waqt li l-Franġiskani kienu mixħutin il-ħabs, l-Ġjorġjani ħadu taħt idejhom nofs l-Għolja tal-Kalvarju, mnejn ma riedux joħorġu iż-jed. Il-Griegi, f'ħabta oħra bħal dik, ħadu taħt idejhom taqsima mil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Altar Maġġjur tal-Bażilka ta' Betlehem. — U l-Koptin ukoll, imħajrin mill-oħrajn, waqt li kienu ġew imbegħedin ir-Reliġjużi Latini, bnew Kappella ma ġenb l-edikula tal-Qabar ta' Kristu.

B'dan il-ksur kollu ta' liġijiet u b'dawn l-għeltijiet tal-Qassisin orientali, ma kienet tqanqlet ebda kwistjoni tal-Imkejjen Imqaddsa, il-għaliex, b'dan kollu, l-Orientali ebda ħsieb għad ma kellhom li jintakkaw il-proprieta' u l-jeddijiet li kellhom il-Franġiskani fis-Santwarji; imma biss huma riedu li jkollhom imkien għalihom, biex kif u x'ħin ikunu jridu jistgħu jagħmlu l-funzjonijiet tagħhom. U l-Franġiskani, għall-imħabba tal-paċi, bil-qalb u minn ragħjhom, raqqdu l-kwistjoni, waqt li baqgħu henjin bis-supremazija tagħhom ġenerali fuq l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa Tagħna.

*P. NIKOLA MAGRO,*
*O.F.M.*

## NON BIS IN IDEM

F'osterija fl-Italja, wieħed Taljan, wara li xorob litru nbid mill-aktar fin u mill-aħjar, b'leħen minn taħt l-ilsien, staqsa lis-sid:

— Bejnietna: Inti, dan l-inbid ħallastu int?

— Daż-żgur, li ħallastu jien. Għaliex qed tistaqsini dan?

— Għax jekk ħallastu inti m'hemmx għalfejn inħallsu jien?

## ĊAJTA F'LOKA

— Sinjuri u Sinjorini, — qal wieħed żagħżugħ f'salott — tridu ngħamlilkom ħaġa li biha tiġu tidru sbieħ xorta waħda lkoll?

— Iwa, iwa, — qabżu jwieġbu lkoll, — irridu iwa, jekk jista jkun.

— Jista' jkun iwa, u bil-ħeffa kollha, u malajr: Sa nitfi d-dawl.